## IL-LEĠĠENDA TAD-DAR IL-KAĦLA FL-ISLA

Angelo Dougall

Ilu ftit, il-Ministeru tat-Turiżmu ppublika fuljett, "The Cottonera...The Roots of Malta", li fih insibu tagħrif turistiku dwar il-Kottonera; fost l-oħrajn insibu, fl-Isla, post immarkat fuq il-mappa "Senglea, (4)", bħala "Cagliostro's residence' (residenza ta' Cagliostro). Dan il-post mgħadux jeżisti aktar, għax safa vittma tal-blitz fl-1941!

U ħafna jistaqsu, min kien Cagliostro?....Ma nistgħux nirreferu għal dan il-bniedem mill-aktar notorju bla ma nitkellmu fuq leġġendi folkloristiċi fl-Isla, dwar id-dar fejn jingħad li kien joqgħod dan il-bniedem saħħar, bla ma nidħlu daqsxejn fil-folklor ta' dik il-belt, u dwar x'kien jingħad qabel l-aħħar gwerra dinjija hemmekk.

Il-Konti Alessandro Cagliostro għex fis-seklu tmintax; twieled f'Palermo fl-1743, għalkemm xi storiċi jsostnu wkoll li seta' twieled hawn Malta! Kien jismu Giuseppe Balsamo. F'ħajtu kien magħruf ħafgna għas-sħarijiet u għall-kult tal-maġija sewda. Waqqaf ħafna loġoġ għal dan l-iskop, u għall-laqgħat ta' setet mogħtija għar-ritwali tal-okkultiżmu f'ħafna ħbit ta' l-Ewropa. Il-fama tiegħu dwar dan xterdet ma' fl-Ewropa kollha ta' dak iż-żmien. Kien bniedem bla skrupġlu, ħalliel, ta' karattru mill-agħar, u ħajtu ntemmet fl-1795, f'miżerja kbira, ġol-ħabs ta' San Leo fl-Italja.

Fil-bidu tal-karriera tiegħu, Cagliostro għex għal xi żmien hawn Malta, u l-Gran Mastru Pinto (1741-1773), mhux biss talli laqgħu ħafna, imma saħansitra taħ daqsxejn ta' post fil-palazz tal-Belt, fejn kien jagħmel esperimenti ta' seħer u ta' maġija! Kellu min jipproteġġih , u avolja għaddew tant snin, leġġenti fuqu ta' sħarijiet baqgħu! Fl-Isla kienu jbeżżgħu lit-tfal bis-"saħħar", "jitfgħek ġol-bettija!", "jibdlek f'annimal", u mid-dehera kienu jibżgħu wisq minnu...

**Id-Dar il-Kaħla, L-Isla** Qabel l-aħħar gwerra dinjija, kienhemm leġġenda folkloristika ta' sħarijiet fl-Isla, marbuta ma' dan is-saħħar Cagliostro u mad-Dar il-Kaħla. Din kienet dar kbira u qadima, b'faċċata majestuża...fil-fatt, palazz żgħir. fi triq Vitorja (fuq ix-xaqliba tat-tarzna) u qrib Triq San Ġiljan. L-Isla kulħadd hekk kien isibha, bħala id-Dar il-Kaħla. Inbniet minn Claude de La Sengle, meta kien balliju ta' l-Ordni, ftit snin qabel ma sar Gran Mastru fl-1553. Il-faċċata ta' dan il-palazz kienet reġgħet ittellgħet fi stil barokk, fil-bidu tas-seklu tmintax wara t-terremot il-kbir. Fl-1939 ftit xhur qabel faqqgħet il-gwerra, kienu nstabu fil-qrib, xi katakombijiet, u xi passaġġi sotterrranji li jinfdu mal-kantina tagħha....Xi nies fl-Isla kienu jistkerħuha ħafna din id-dar!

**Leġġenda dwar sħarijiet** Leġġenda folkloristika fl-Isla kienet tgħid, li Cagliostro kien għamel xi żmien jgħammar fid-Dar il-Kaħla. In-nies kienu isejħulha hekk minħabba l-aperturi tagħha, twieqi, bibien u gallarija enormi ta' l-injam li kellha, dejjem kienu jinżebgħu lewn ikħal, kif ukoll parti mill-faċċata mbajda dak il-lewn! U l-leġġenda tkompli tgħid, li jekk xi darba d-dar

tinżebagħ b'xi lewn ieħor, dan , b'xi seħer, jinbidel, u jsir lewn ikħal f'dak il-lejl stess!

Dan il-palazz, id-Dar il-Kaħla, safa kollu mwitti u meqrud, milqut dirett mill-bombi fis-16 ta' Jannar, 1941, f'xi t-3.30 p.m., fost xita ta' bombi li waqgħu waqt it-tieni kolp tal-blitz ġermaniżi fuq l-*H.M.S. Illustrious*. Illum, minflok dak il-palazz, naraw mibnijin djar ġodda kbar, mingħir biss l-iċken tabella ta' l-irħam, bl-iskrizzjoni ta' tifkira, dwar x'kien hemm qabel! Imma l;-leġġenda dwar dan il-post, u l-konnessjoni tiegħu mas-saħħar notorju, baqgħet ħajja!...

-------------

## Tiswijiet

Fl-Imnara No. 16, Vol. 4 No.3, paġ. 82 - 83, fl-artiklu ta' Mary Ghio "Il-Ħajja fl-Imgħoddi", ħarġu xi żbalji tat-*typing* ta' min jirranġhom:

p. 82, linja 11, fejn jidher "ġo biċċa karta ħażina" irid jiġi "ġo biċċa kutra ħażina".

p. 82 , linja 18, minfl;ok "tal-muntun" għandu jidher "tal-pulmun".

--------------------

## Kitbiet Għall-Imnara

L-Editur jaċċetta kitbiet għall-Imnara, sakemm dawn *ikunu oriġinali* u *qatt ma deheru qabel publikati band' oħra*. Għandhom ikunu riżultat ta' riċerka jew esperjenzi personali, u preferibbilment dwar folklor lokali jew li direttament jinteressa lill-Maltin.

--------------------